

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)**

13980/22

**EF 316
ECOFIN 1086
DELECT 193**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 7536 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 21.10.2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti kollaterali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7536 final.

Mehmuż: C(2022) 7536 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.10.2022
C(2022) 7536 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.10.2022

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti kollaterali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-iżviluppi politiċi u tas-suq riċenti wasslu għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet u fil-volatilità fis-swieq tal-enerġija, li wasslu għal żidiet sostanzjali fil-marġni minn kontropartijiet ċentrali (CCPs) biex ikopru l-iskoperturi relatati. Dawn iż-żidiet fil-marġni ħolqu pressjoni ta' likwidità fuq kontropartijiet mhux finanzjarji (non-financial counterparties, NFCs), li tipikament ikollhom inqas assi likwidi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni, u gēgħluhom inaqqsu l-pożizzjonijiet tagħhom jew iħalluhom iħħeġġjati b'mod mhux xieraq, u jesponuom għal aktar varjazzjonijiet fil-prezzijiet.

Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni talbet li l-ESMA tikkunsidra jekk huwiex meħtieġ li d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Livell 2, b'mod partikolari r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill (EMIR) fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali, jiġu emendati temporanjament biex itaffu f'it mill-piż li jiffaċċjaw l-NFCs, filwaqt li jinżamm l-għan ġenerali tal-EMIR li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja. Fit-22 ta' Settembru 2022, l-ESMA wieġbet lill-Kummissjoni fejn iddeskriviet proposti konkreti biex jitħaffef il-funzjonament tas-swieq finanzjarji u tal-enerġija Ewropej u biex tittaffa l-pressjoni tal-likwidità fuq l-NFCs attivi fis-swieq regolati tal-gass u tal-elettriku kklerjati f'CCPs ibbażati fl-UE.

Ir-rapport tal-ESMA li segwa r-rispons inizjali tal-ESMA jipprovdi abbozz ta' emendi għall-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 żviluppanti mill-ESMA skont l-Artikolu 46(3) tal-EMIR, biex temporanjament jespandi l-aggregazzjoni ta' kollateral eliġibbli għal garanziji bankarji mhux kollateralizzati għall-NFCs li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar u għal garanziji pubbliċi għat-tipi kollha ta' kontropartijiet. Il-Kummissjoni tfakkar li l-garanziji pubbliċi għandhom jingħataw f'konformità mal-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Dawn il-modifiki huma temporanji u se jiskadu 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. Madankollu, skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija, il-Kummissjoni tinsab lesta li titlob lill-ESMA tikkunsidra estensjoni ta' dawk il-miżuri temporanji.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji, fir-rigward tal-urġenza partikolari tal-kwistjoni kif permess skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament tal-ESMA).

Kif meħtieġ skont l-Artikolu 46(3) tal-EMIR, l-ESMA kkonsultat lill-EBA, lill-BERS u lis-SEBĊ. Fejn rilevanti, l-ESMA qieset ukoll l-informazzjoni disponibbli pubblikament minn sett varjat ta' sorsi tal-industrija. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (Securities and Markets Stakeholder Group, SMSG) ukoll ma ġiex ikkonsultat minħabba l-urġenza tal-kwistjoni kif previst fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament tal-ESMA.

Dan ir-regolament emendatorju huwa bbażat fuq ir-rapport finali tal-ESMA mibgħut lill-Kummissjoni fl-14 ta' Ottubru 2022.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jintroduċi modifika fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 1 jimmodifika l-Artikolu 39 u 62 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali, kif ukoll l-Anness I tiegħu, b'dan il-mod:

- l-Artikolu 39 huwa emendat biex jippermetti temporanjament l-użu ta' garanziji pubbliċi kif speċifikat fl-Anness I;
- l-Artikolu 62 huwa emendat biex jippermetti temporanjament l-użu ta' garanziji bankarji mhux kollateralizzati jew parzjalment kollateralizzati;
- l-Anness I huwa supplimentat bit-Taqsima 2a li tippermetti l-użu ta' garanziji pubbliċi, taħt kundizzjonijiet stretti.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.10.2022

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti kollaterali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranzazzjonijiet¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013² jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (central counterparties, CCPs) biex jaċċettaw kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq.
- (2) L-iżviluppi politiċi u tas-suq riċenti wasslu għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet u fil-volatilità fis-swieq tal-enerġija, li wasslu għal żidiet sostanzjali fil-marġni minn kontropartijiet ċentrali (CCPs) biex ikopru l-iskoperturi relatati. Dawk iż-żidiet fil-marġni ħolqu pressjoni ta' likwidità fuq kontropartijiet mhux finanzjarji, li tipikament ikollhom inqas assi likwidi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni. B'konsegwenza ta' dan, dawk il-kontropartijiet mhux finanzjarji ġew imġiegħla jnaqqsu l-pożizzjonijiet tagħhom jew iħalluhom mhux iħħeġġjati kif suppost, u dan jesponihom għal aktar varjazzjonijiet fil-prezzijiet.
- (3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji u tal-enerġija tal-Unjoni fiċ-ċirkustanzi attwali u sabiex tittaffa l-pressjoni tal-likwidità fuq kontropartijiet mhux finanzjarji attivi fis-swieq regolati tal-gass u tal-elettriku kklerjati f'CCPs stabbiliti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-aggregazzjoni ta' kollateral eliġibbli disponibbli għall-membri tal-ikklerjar mhux finanzjarji tiġi estiża temporanjament biex tinkludi garanziji bankarji mhux kollateralizzati.
- (4) Sabiex jitrażżnu l-piżijiet tal-likwidità osservati fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija, jenħtieġ li l-garanziji maħruġa jew sostnuti minn entitajiet pubbliċi jitqiesu wkoll bħala kollateral eliġibbli għal kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji mis-CCP, minħabba li dawk il-garanziji għandhom riskju baxx ta' kreditu tal-kontroparti u huma irrevokabbli, inkondizzjonati u jistgħu jiġu onorati fil-perjodu tal-likwidazzjoni tal-portafoll tal-membri tal-ikklerjar inadempjenti, u għalhekk iġorru riskju limitat ta' likwidità.

¹ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

² Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41).

- (5) Ir-riskji relatati ma' espansjoni ta' kollateral eliġibbli għal garanziji bankarji mhux kollateralizzati u garanziji pubbliċi huma mistennija li jibqgħu limitati, billi l-espansjoni tkun soġġetta għas-salvagwardji tal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP u r-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013, ikomplu japplikaw.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex jiġu limitati aktar ir-riskji assoċjati mal-aċċettazzjoni ta' garanziji bankarji mhux kollateralizzati għal membri tal-ikklerjar mhux finanzjarji u garanziji pubbliċi għal membri tal-ikklerjar finanzjarji u mhux finanzjarji bħala kollateral, jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu ta' natura temporanja u jingħataw għal perjodu ta' 12-il xahar, filwaqt li jipprovdu sollied lill-parteciċipanti fis-suq u jinċentivawhom biex jirritornaw fis-swieq.
- (8) Fid-dawl tal-iżviluppi riċenti tas-suq, huwa meħtieġ li l-aggregazzjoni ta' kollateral eliġibbli disponibbli għall-membri tal-ikklerjar mhux finanzjarji tiġi estiża malajr kemm jista' jkun. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), wara konsultazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea, mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.
- (10) L-ESMA ma għamlet ebda konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li huma l-bażi tar-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali billi dan kien ikun sproporzjonat fil-konfront tal-fini u tal-impatt tal-emendi li għandhom jiġu adottati, b'kunsiderazzjoni tan-natura urġenti u l-ambitu limitat tal-bidliet proposti. Minħabba l-urġenza, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq se jiġi infurmat b'dan skont dik id-dispożizzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 153/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 39, jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

“Sa [OP: *daħħal id-data li hija 12 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], għall-finijiet tal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-garanziji pubbliċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I għandhom jitqiesu bħala kollateral likwidu ħafna.”;

(2) Fl-Artikolu 62, it-tieni paragrafu, tiżdied is-sentenza li ġejja:

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċizzjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

“Madankollu, it-Taqsima 2, il-paragrafu 1, il-punt (h), tal-Anness I ma għandux japplika fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet fuq derivattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), il-punti (b) u (d), tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 minn [OP: *daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*] sa [OP: *daħħal id-data li hija 12 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*].”;

(3) L-Anness I huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.10.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN